MALTA

# QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI FAMILJA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2018

Rikors Numru 97/2018 LM

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 54/2018 fl-ismijiet:**

**Daniela Falzon (K.I. 247488M)**

***vs.***

**Kurt Falzon (K.I. 527588M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrent **Kurt Falzon** (K.I. 527588M) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"), ippreżentat fit-23 ta' April, 2018 *ai termini* tal-artikolu 836(1)(ċ),(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar is-6 ta' Marzu, 2018, is-sekwestranta Daniela Falzon ippreżentat rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontra l-esponent, liema mandat ġie akkordat minn din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Marzu, 2018;*

2. *Illi fil-mandat de quo, is-sekwestranta talbet illi tiġi kkawtelata s-somma ta' ħamsin elf Euro (€50,000) 'rappreżentanti nofs l-ammont tal-assi li jappartjeni fil-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet';*

3. *Illi l-esponent ħassu aggravat b'tali mandat, liema mandat ma huwa xejn għajr waħda minn sensiela ta' manuvri vessatorji u intimidatorji mis-sekwestranta fil-konfront tal-esponent;*

4. *Illi fl-umli fehma tal-esponent, il-mandat de quo għandu jiġi revokat minn din l-Onorabbli Qorti stante illi fiċ-ċirkostanzi ma hux raġonevoli illi tali mandat jinżamm fis-seħħ u peress illi l-intimata għandha fil-pussess tagħha garanzija xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjoni tagħha, u inoltre u mingħajr preġudizzju, l-ammont ikkawtelat mhux ġustifikat, u dan kif ser jiġi spjegat fir-rikors odjern;*

5. *Illi primarjament u għal intendiment aħjar, qed jiġi spjegat illi l-partijiet għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni, proċeduri illi sfortunatament ma huma xejn amikevoli stante li l-unika interessi tas-sekwestranta huma li taħtaf kemm tista' flus u li tagħmel il-vendikazzjonijiet lill-esponent, u li wara li għaddiet lill-esponent minn snin twal ta' abbuż fiżiku u psikoloġiku, is-sekwestranta ppretendiet illi huwa ma kellux dritt jirrikorri għar-rimedji legali sabiex jieħu ħajtu lura u jkompli jkun preżenti b'mod attiv fil-ħajja ta' bintu;*

6. *Illi ftit żmien wara li l-esponenti informa lis-sekwestranta bl-intenzjoni tiegħu illi jibdew tali proċeduri ta' separazzjoni personali, hija ħarbet mid-dar bit-tifla l-minuri tagħhom u ħadet magħha l-flejjes kollha tal-komunjoni tal-akkwisti, li jammontaw għal cirka erbgħin elf Euro (€40,000), u ħadet magħha wkoll diversi proprjetajiet parafernali tal-esponenti fosthom dehbijiet u l-karozza li jammontaw għal circa sebat elef Euro (€7,000);*

7. *Illi mhux talli hekk, iżda bl-aktar mod vili, is-sekwestranta ċaħħdet lill-esponenti milli jara lil bintu għal xhur sħaħ u għamlet diversi allegazzjonijiet foloz fil-konfront tal-esponenti u membri tal-familja tiegħu, saħansitra anka lill-pulizija eżekuttiva, b'tentattiv illi ssir ħsara lill-esponenti u li jiġu żvijjati il-Qrati li quddiemhom hemm diversi proċeduri bejn il-kontendenti, fost liema, is-sekwestranta allegat illi l-esponenti keċċieha mid-dar, illi l-esponenti huwa vjolenti u miġnun, li l-esponenti espona ruħu quddiem binthom, u li membri tal-familja tal-esponenti xtraw l-esperti tal-Qorti!*

8. *Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-31 ta' Ottubru, 2017, ġiet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;*

9. *Illi fil-preżent, l-esponenti m'għandu l-ebda assi tal-komunjoni ta' valur, għajr għal vettura u dgħajsa, li flimkien għandhom valur ta' circa ħmistax-il elf Euro*

*(€15,000), u li l-esponenti fl-ebda ċirkostanza ma jista' jbiegħ, partikolarment stante illi l-vettura hija rreġistrata fuq is-sekwestranta;*

10. *Illi l-fond li kien id-dar matrimonjali hija proprjetà parafernali u hija fil-pussess tal-esponenti. Għajr għas-somma ta' circa tnax-il elf Euro (€12,000) li tħallsu fuq dan il-fond mill-partijiet fiż-żwieġ, il-bqija tal-fond tħallas mill-esponenti qabel iż-żwieġ;*

11. *Illi għalhekk, l-esponenti kien ferm sorpriż illi ntalab il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru odjern, stante li anke fuq bażi ta' prima facie, jirriżulta b'mod inekwivoku illi ma kien hemm l-ebda ħtieġa għall-istess;*

12. *Illi ad oltranza, kien l-esponenti li kellu għalfejn jirrikorri għall-ħruġ tal-mandati opportuni, stante li s-sekwestranta qed tirrifjuta li tagħti rendikont tal-flejjes li ġibdet mill-kontijiet tal-partijiet meta l-partijiet isseparaw de facto;*

13. *Illi minkejja li ġiet mitluba tippreżenta rendikonti li jirriflettu t-transazzjonijiet li saru fil-ġimgħat ta' qabel u wara s-separazzjoni de facto ta' bejn il-partijiet, is-sekwestranta irrifjutat illi tagħmel dan u fi proċeduri quddiem Qorti oħra, ippreżentat lista ta' bilanċi datata 25 ta' Ottubru, 2017 (kopja annessa u mmarkata Dok. DF1), liema lista ma tikkostitwixxix prova u stampa ċara tal-flejjes li l-partijiet għandhom, stante li, għajr għall-kontijiet miżmuma mal-Bank of Valletta, minflok rendikonti uffiċjali, is-sekwestranta kitbet il-bilanċi b'idejha. Inoltre, anke li kieku l-imsemmi dokument illi ppreżentat is-sekwestranta kien jagħti stampa vera tal-flejjes illi l-partijiet kellhom fil-25 ta' Ottubru, 2017, il-partijiet kienu ilhom ġimgħat sħaħ separati de facto u s-sekwesranta kienet ilha li ħarbet mid-dar mid-19 ta' Ottubru, 2017. Permezz ta' dan ir-rendikont minnha ppreżentat, is-sekwestranta ddikjarat li għandha fil-pussess tagħha ammont ferm anqas minn dak li vera ħadet magħha meta l-partijiet isseparaw b'mod de facto, liema diskrepanza hija ta' ċirka għaxart elef Euro (€10,000);*

14. *Illi huwa pertinenti illi jiġu ppreżentati mis-sekwestranta bank statements tal-kontijiet bankarji u investimenti kollha li qegħdin f'isimha jew f'isem iż-żewġ partijiet, sabiex jiġi kkonstatat xi flejjes għandha s-sekwestranta f'idejha li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, inklużi dawk il-flejjes li ġew żbankati mill-kontijiet fil-ġimgħat ta' qabel u/jew wara li hija ħarbet mid-dar matrimonjali;*

15. *Illi di più, dato ma non concesso illi kien hemm xi ħtieġa illi jiġu kkawtelati xi flejjes mis-sekwestranta, l-ammont ta' ħamsin elf Euro (€50,000), illi s-sekwestranta qed tiddikjara taħt ġurament illi jirrappreżenta l-valur ta' nofs il-komunjoni tal-assi huwa assolutament ammont esaġerat;*

16. *Illi kif jirriżulta mir-rendikont stima li qed jiġi anness u mmarkat Dok. KF1, sehem is-sekwestranta mill-komunjuni tal-akkwisti, huwa circa tlieta u tletin elf u ħames mitt Euro (€33,500) u għaldaqstant hija effettivament debitriċi tal-esponent, u mhux bil-kontra. U dan apparti l-imsemmija assi parafernali tal-esponenti illi l-intimata għandha fil-pussess tagħha.*

17. *Illi tenut kont tas-suesposti, ma hemm l-ebda dubju illi l-uniku skop ta' dan il-mandat vessatorju u vendikattiv huwa illi ssir ħsara lill-esponenti, u xejn aktar. Wara li ħatfet il-flejjes tal-komunjoni għaliha nnifisha ad esklużjoni tiegħu u rrifjutat li tagħti rendikont tal-istess, is-sekwestranta għamlet mandat għall-istess valur ta' flejjes u oġġetti li qegħdin fil-pussess tagħha stess!*

18. *Illi di più, ma jistax l-esponent ma jirrimarkax il-fatt illi nonostante illi ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni jew ħtieġa illi jsir il-mandat odjern, bl-aktar mod deplorevoli, is-sekwestranta intavolat l-istess appena l-esponenti siefer mal-ġenituri tiegħu għall-ewwel darba wara s-separazzjoni, b'tentattiv illi tipprova tisfrattalu l-btala;*

19. *Illi tenut kont tas-suespost, ma hemm l-ebda dubju illi l-aġir tas-sekwestranta fir-rigward tal-preżenti mandat, huwa malizzjuż, frivolu u vessatorju fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement għandha tiġi kkundannata tħallas penali ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta – xi ħaġa fuq liema l-esponent qed jinsisti sabiex jieqfu darba għal dejjem dawn l-abbużi tal-proċeduri ġudizzjarji li qed isiru biss u unikament sabiex ikomplu jivvessaw u jkissru lill-esponenti;*

20. *Illi inoltre, kif diġà ntqal, il-preżenti mandat huwa biss waħda minn sensiela ta' proċeduri frivoli, vessatorji u temerarji illi s-sekwestranta għamlet fil-konfront tal-esponenti, u ċ-ċirkostanzi li ġraw f'dawn l-aħħar xhur juru li s-sekwestranta lesta tigdeb, anke fejn il-fatti faċilment igiddbu lill-istess sekwestranta, u saħansitra anki disposta tuża l-vjolenza, imbasta tieħu dak li trid hi;*

21. *Illi filwaqt li l-użu abbużiv tal-proċedura tal-mandat ta' sekwestru da parti tas-sekwestranta hija ta' dannu għall-esponenti, is-sekwestranta kull ma jmur qed tkompli turi disprezz lejn l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti, partikolarment bil-ġuramenti foloz li qed tieħu b'mod kontinwu u b'allegazzjonijiet inveritieri. Saħansitra kien hemm ċirkostanzi fejn membri tal-familja tas-sekwestranta ippreżentaw ruħhom fir-Reġistru tal-Qorti tal-Familja biex jipprotestaw b'mod voċiferu kontra deċiżjonijiet ta' din l-Onorabbli Qorti. Dan kollu qed isir mill-intimata qisu xejn mhu xejn u mingħajr ebda konsegwenzi, iżda b'dannu kbir għall-esponenti.*

*Għaldaqstant, in vista tar-raġunijiet suesposti, l-esponenti jitlob bir-rispett illi, prevja kwalunkwe provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna lis-sekwestranta tippreżenta bank statements tal-kontijiet bankarji u investimenti li għandha f'isimha u f'isem il-partijiet it-tnejn li juru t-tranżazzjonijiet kollha li saru fis-sena 2017;*
2. *Tirrevoka contrario imperio l-mandat kawtelatorju odjern ai termini tal-artikolu 836(1)(c), (d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
3. *Tiddikjara illi l-aġir tas-sekwestranta huwa malizzjuż, frivolu u vessatorju u konsegwentement tikkundannaha tħallas penali ai termini tal-artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
4. *Tordna żmien qasir u perentorju li fih is-sekwestranta għandha tagħti garanzija għall-ħlas ta' penali, danni u imgħax skont l-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż kontra s-sekwestranta.*

Rat ir-Risposta tal-intimata **Daniela Falzon** (K.I. 247488M) (minn issa 'l quddiem "l-intimata"), li ġiet ippreżentata fis-16 ta' Mejju, 2018, li biha eċċepiet:

1. *Illi fl-ewwel lok sabiex mandat ta' sekwestru kawtelatorju jiġi rrevokat iridu jissussistu r-raġunijiet elenkati fl-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għajr għat-tieni talba fejn ġew imsemmija għall-ewwel darba l-artikoli speċifiċi ossia l-artikolu 836(1)(c),(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bilkemm saret referenza għalihom fil-kontenut tar-rikors u ħlief allegazzjonijiet fiergħa, malizzjużi u inveritiera sabiex jiżvijaw il-Qorti ma sarux;*
2. *Illi fit-tieni lok il-partijiet huma miżżewġin u għandhom minuri, Chloe, ta' sitt snin. Illi sfortunatament iż-żwieġ tagħhom spiċċa meta r-rikorrenti keċċa lill-eċċipjenti u lil binthom minuri 'l barra mid-dar matrimonjali u bħalissa qegħdin għaddejjin mill-proċeduri ta' separazzjoni personali. Illi wara li ġiet imkeċċija minn ġewwa darha, l-eċċipjenti flimkien ma' bintha marret tgħix mal-ġenituri tagħha. Illi dan sar kollu fis-27 ta' Ottubru, 2017. Illi ż-żwieġ tagħhom huwa rregolat bir-reġim*

*tal-komunjoni tal-akkwisti u s'issa l-komunjoni għadha ma ġietx diviża u apporzjonata;*

3. *Illi fit-tielet lok se jiġi ttrattat l-artikolu 836(1) li jgħid is-segwenti: "li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni." Illi mhux minnu li hemm garanzija xierqa li tissodisfa l-pretensjoni tal-eċċipjenti. Illi qabel xejn il-partijiet għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni u li għalhekk l-assi tal-komunjoni inklużi l-krediti parafernali kontra l-komunjoni tal-akkwisti għadhom ma ġewx diviżi bejniethom. Għalhekk ħadd ma jista' jgħid liema oġġett hija tiegħu u liema oġġett hija tagħha. S'issa wieħed li jista' jgħid li għandu huwa biss pretensjoni kontra l-komunjoni tal-akkwisti. Tali pretensjoni trid tiġi salvagwardjata u għalhekk fil-fatt hemm il-proċedura ta' mandat kawtelatorju sabiex wieħed ikun jista' jikkawtela l-pretensjoni tiegħu. Sabiex tiġi eliminata l-probabilità li mandat kawtelatorju jsir b'mod vessatorju irid bilfors ikun akkumpanjat bi proċeduri ossia f'dan il-każ il-proċeduri tas-separazzjoni personali li hemm eżistenti bejn il-kontendenti. Illi bħala konsistenza fuq l-assi tal-komunjoni hemm diverġenza fuq dak li qed tisħaq l-eċċipjenti u dak li qiegħed jisħaq ir-rikorrenti u għalhekk apparti l-valur hemm il-konsistenza li qiegħda tiġi mpoġġija fid-dubju. Apparti l-konsistenza hemm diverġenza fuq il-valur. Ir-rikorrenti ta valur baxx lil diversi assi tal-komunjoni. Dan qiegħed jiġi kkontestat mill-eċċipjenti. Per eżempju l-insured value tal-vettura tal-komunjoni li fuqha qiegħda tistrieħ l-eċċipjenti huwa ta' €10,000 (Ara Dok. DF 1) u d-dgħajsa li nxtrat tliet snin ilu kienet inxtrat għal €13,500 u 'an għax m'għandhiex aċċess għal insured value ladarba mhux assigurata fuqha. Għalhekk jekk wieħed jara l-valur illi r-rikorrenti ta fir-rendikont tiegħu, fejn saħaq illi l-vettura u d-dgħajsa flimkien jiswew €15,000, wieħed jista' jara illi hemm diverġenzi kbar fuq il-valur. Ir-rikorrenti qiegħed jipprova jwaqqa' l-valur tal-assi tal-komunjoni sabiex b'hekk jipprova jneħħi l-mandat ta' sekwestru. Illi din qiegħda fil-pussess tiegħu bħal prattikament kull oġġett ieħor tal-komunjoni kif ukoll biex ma nsemmux diversi oġġetti parafernali tal-eċċipjenti stess bħal pjanu, u dan għaliex huwa keċċa lill-eċċipjenti u lil bintha 'l barra mid-dar matrimonjali. Huwa jgħid li telqet iżda dan mhux minnu. Il-verità hija li huwa biddel is-serratura tad-dar matrimonjali u tal-garaxx u għalhekk blokka l-aċċess għad-dar matrimonjali u għall-garaxx u għall-kontenut kollu tagħhom mill-eċċipjenti. Dan sar fis-27 ta' Ottubru, 2017 meta huwa biddel minn rajh is-serratura tal-fond matrimonjali u tal-garaxx u ħalla lill-eċċipjenti ta' fuqha senduqha! Lanqas ħwejjeġ biex tbiddel ma kellha. Illi wara ħafna tkarrib biex jgħaddilha imqar ħwejjiġha personali hija ma felħitx illi tibqa' tistenna l-ħniena tiegħu u għalhekk għamlet rikors fejn talbet illi jiġu mgħoddija*

*lilu ħwejjiġha personali. Illi lanqas ma' din l-ordni ma obda u għaddielha parti minn ħwejjiġha biss!*

4. *Illi huwa semma illi l-komunjoni tal-akkwisti ġiet xolta, iżda dan ingħata biss permezz ta' digriet u mhux sentenza kif hemm stipulat skont l-artikolu 55(2) tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk ladarba ma ngħatax permezz ta' sentenza l-komunjoni tal-akkwisti ma tistax tgħid illi hija xolta. Iżda nonostante dan, il-punt jekk hix xolta jew le huwa irrelevanti f'dan l-istadju għax il-punt kruċjali huwa l-fatt illi l-komunjoni tal-akkwisti għadha mhux diviża u aktar minn hekk tali komunjoni tinsab fil-pussess tar-rikorrenti!*

5. *Illi għalhekk wieħed isaqsi, jekk lanqas ħwejjiġha ma ħadet kif setgħet tieħu d-dehbijiet u dak kollu li ġie allegat fir-rikors tar-rikorrenti? Id-dehbijiet u l-ħwejjeġ l-oħra huma ġewwa d-dar matrimonjali għax hi ma qabditx u telqet mid-dar imma ġiet imsakkra 'l barra minn darha mir-rikorrenti! Fil-verità huwa r-rikorrenti li għandu fil-pussess tiegħu l-assi u mhux hi! Hu kien proprju għalhekk illi sar il-mandat kawtelatorju għax għandu ħafna assi ċertu minnhom mobbli li jistgħu jiġu ttrasferiti jew mibjugħa mingħajr il-kunsens tagħha. Il-vettura li semmiet li hija ħadet kienet il-vettura tagħha li kienet tuża kuljum u li meta ġiet imsakkra barra kienet qiegħda biha. Kieku ħarġet bil-mixi u ħalliet il-vettura ġewwa l-garaxx kieku anke din kienet ma tkunx fil-pussess tagħha!*

6. *Illi mhux minnu li hija ħadet magħha erbgħin elf Euro (€40,000). Illi l-istorja hija totalment differenti minn kif ġiet redatta fir-rikors. Ir-rikorrenti ibati minn Bipolar Disorder u għalhekk waħda mis-sintomi hija l-impulsività. Illi l-impulsività ġġiegħlu jbiegħ u jixtri dak kollu li jfettillu. Illi biex jibża' għall-flus u dan waqt li kienu għadhom miżżewġin u ferm qabel ma bdew il-proċeduri ta' separazzjoni huwa kellu l-prassi illi kien jgħaddi lill-eċċipjenti parti mill-flus tal-komunjoni ġewwa l-kont personali tagħha. Illi fil-kont personali tagħha meta ġiet imkeċċija kienu jammontaw għal €30,516.81 u mhux għal €40,000. Wieħed ma jistax ma jinnotax illi r-rikorrenti filwaqt li jbaxxi l-valur tal-assi kollha fil-pussess tiegħu u li jixtieq iżomm hu, fl-istess ħin għolla b'€10,000 flus tal-komunjoni li jinsabu fil-kont personali tagħha (liema flus huma mħalltin ma' flejjes parafernali tagħha)! Iżda wara li bdew il-proċeduri ta' separazzjoni r-rikorrenti għamlilha mandat ta' inibizzjoni fejn żammha milli tuża dawn il-flejjes biex imbagħad irtira l-mandat bil-kundizzjoni u dan għaliex ġie muri illi dawn il-flejjes qegħdin jiġu użati għall-bżonnijiet tagħha u tat-tifla! (Ara Dok. DF2). Illi għalhekk issa ma jistax wieħed jistrieħ fuq il-fatt illi hemm dak l-ammont bħala garanzija għall-pretensjoni. Jekk dawna huma intiżi għall-bżonnijiet tat-tifla minuri, Chloe, ta' sitt snin kif ukoll tagħha ukoll għall-bżonnijiet tagħha ma tistax fl-istess ħin tuża l-istess ammonti bħala garanzija għall-komunjoni! Dan l-ammont ma jistax jiġi użat għal żewġ*

*skopijiet! Illi apparti mill-vettura tal-komunjoni, hemm dgħajsa tal-komunjoni li qiegħda wkoll fil-pussess tiegħu, u hemm l-oġġetti kollha mobbli li jinsabu ġewwa d-dar matrimonjali li huma kollha tal-komunjoni u huma ta' valur ukoll bħal dehbijiet u ħaġar prezzjuż, gazebo, u diversi għodda u inġenji biex ma nsemmux ukoll l-għamara u oġġetti parafernali bħall-pjanu. Illi apparti dan hemm l-investimenti ġewwa l-MedBank ġia Mediterrenean Bank u Charts Investments. Illi dan kollu jappartjeni lill-komunjoni;*

7. *Il-mandat kawtelatorju sar għall-ammont konservattiv ta' ħamsin elf Euro (€50,000). Illi dan l-ammont huwa wieħed konservattiv u approssimament dak li taħseb illi jiswa s-sehem tagħha tal-komunjoni. Illi hija għandha l-biżgħa fondata illi jekk jitneħħa l-mandat huwa minħabba l-kundizzjoni li għandu tal-Bipolar Disorder (li għall-kuntrarju ta' dak li ġie allegat hija qatt u qatt ma rreferiet għalih bħala miġnun anzi tirreferi għall-kundizzjoni li huwa għandu bl-aktar mod dinjituż u dan għax il-kundizzjoni tal-Bipolar Disorder mhux kundizzjoni li tiċċajta biha, iktar u iktar meta kawża tagħha huwa pprova jikkommetti suwiċidju darbtejn u iktar minn hekk għax ir-rikorrenti huwa missier bintha u għalhekk m'għandha l-ebda intenzjoni li tħammeġ jew tgħajjar lil missier bintha), u anka minħabba n-natura kontenzjuża li ħadu l-proċeduri, huwa jaqbad u jbiegħ l-oġġetti kollha mobbli inklużi l-investimenti u dan ad insaputa tagħha u b'hekk hija tispiċċa lampa stampa b'sehemha mibjugħ. Illi hija diġà ġiet lampa stampa darba meta huwa keċċieha mid-dar b'ta' fuqha senduqha u hi ma tixtieqx tiġi lampa stampa t-tieni darba u tispiċċa li sehemha tal-komunjoni jiġi mibjugħ.*

8. *Illi ma nġabet l-ebda prova ta' garanzija xierqa u għalhekk dan ir-rikors a bażi tal-artikolu 816(1)(c) għandu jiġi miċħud.*

9. *Illi t-tieni artikolu ċċitat huwa l-artikolu 816(1)(d) ossia li jgħid, "jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv". L-ammont mhuwiex wieħed eċċessiv u lanqas mhuwiex prima facie ġġustifikat. Illi fl-ewwel lok Dok KF1 huwa prospett mhux iġġuramentat u mhux biss mhuwiex iġġuramentat imma hemm nuqqas ta' qbil fuq l-ammonti u fuq il-kontenut. Eżempju ċkejken: wieħed ma jistax ma jinnotax illi għalkemm id-dehbijiet issemmew fir-rikors tar-rikorrenti, fil-prospett ma ssemmewx. Mela dawna ma baqgħux jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti? U xi ngħidu fuq il-mobbli kollha li jinsabu ġewwa d-dar matrimonjali inkluż l-għodod u l-inġenji? Illi prospett iktar realistiku huwa l-prospett hawn anness li juri illi l-ammont huwa aktar qrib iċ-ċifra ta' circa mija u ħamsa u għoxrin elf Euro €122,000 (sic!) (ara l-prospett ġuramentat Dok. DF 3) bħala assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk l-eċċipjenti kienet konservattiva ħafna meta talbet illi tiġi ssekwestrata s-somma ta' ħamsin elf ewro (€50,000)! L-oġġetti mobbli u immobbli jinkludu*

*skrittura privata fejn l-eċċipjenti għandha pretensjoni ta' Eur 16,423 (ara l-iskrittura Dok. DF4);*

10. *Illi t-tielet raġuni mitluba hija taħt l-artikolu 816 (1) (f) li jgħid is-segwenti: "jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex meħtieġ jew ġustifikabbli". Il-partijiet għaddejjin minn separazzjoni personali u għalhekk huwa fl-interess tal-eċċipjenti illi tissalvagwardja l-interessi tagħha billi tara illi sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti jibqa' ppreservat. Illi ġie allegat illi dan il-mandat sar meta r-rikorrenti kien imsiefer sabiex purament tweġġgħu u tħassarlu safra. Din hija invenzjoni fiergħa u mhuwiex ġust illi f'rikors isiru dawn l-allegazzjonijiet fiergħa u inveritieri. Illi fl-ewwel lok hija ma ssekwestratx l-unika kont bankarju li huwa għandu mal-Bank of Valletta u dan purament biex ma tweġġgħux u biex huwa jkun jista' almenu jibqa' f'pożizzjoni li jgħix! Illi minn fuq illi hija ma ssekwestratlux dana l-kont mal-Bank of Valletta, li hija kellha kull dritt għax dan ukoll jifforma parti mill-komunjoni, huwa qiegħed jakkużaha permezz tar-rikors li hija għamlet dan biex tweġġgħu! Illi dan ġie intavolat meta kien imsiefer purament b'koinċidenza. Huwa qatt ma seta' jkun jaf minn barra illi ġew issekwestrati l-assi u dana għaliex il-kont bankarju mal-Bank of Valletta ma ġiex issekwestrat u l-unika bank li ġie ssekwestrat kien il-Mediterrenean Bank fejn il-partijiet għandhom biss investimenti.*

11. *Illi hija mhix se tidħol fil-mertu tal-allegazzjonijiet fiergħa, malizzjużi u inveritieri li ntqalu fir-rikors u li m'għandhom l-ebda relevanza dwar il-kawża tar-revokazzjoni tal-mandat. Iżda għall-kjarezza u anki biex ma tħallix li isimha jitħammeġ hija trid tikkjarifika illi hija qatt ma użat abbuż fiżiku u psikoloġiku fuq ir-rikorrenti anzi hi kienet il-vittma f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-vittma tal-kundizzjoni tiegħu illi għal snin twal qagħdet tieħu paċenzja u tieħu ħsiebu u tmur miegħu għand il-psikjatra Dr Joe Cassar. Meta pprova jagħmel suwiċidju darbtejn ġewwa d-dar matrimonjali hija baqgħet tagħtih is-support morali. Illi għalhekk hija gidba assoluta li jingħad li hija kienet b'xi mod abbużiva fuqu! Illi hi qatt u qatt ma qalet ili l-familja tiegħu xtraw il-Qorti! Din ukoll gidba assoluta. Anzi huwa ħu r-rikorrenti, Dr Ryan Falzon li huwa avukat, fejn mar l-Għassa jordna lill-pulizija sabiex jagħtuh lit-tifla minuri inkella se jieħu passi kontra l-pulizija speċifikament kontra PS 1021! Ovvjament huwa ma kellu l-ebda awtorità jagħmel hekk u fil-fatt hemm proċeduri kriminali għaddejjin kontrieh. Illi għalhekk huwa aktar faċli titfa' t-tajn forsi xi ftit jeħel, iżda l-verità hija iktar b'saħħitha u għalhekk kellha tingħad.*

12. *Illi kif jista' jiġi muri dana l-mandat ma sarx b'mod vessatorju jew malizzjuż, anzi ġie biss biex jiġi ssalvagwardjat il-pretensjonijiet kontra l-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk m'għandhiex tiġi kkundannata tħallas l-ebda penali.*

*Għaldaqstant qed jiġi eċċepit lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-artikolu 816 (1) (c),(d) u (f) ma ġewx ippruvati mir-rikorrenmti u għalhekk it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in toto.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat l-atti kollha ta’ dan ir-rikors.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Mejju, 2018, fejn ħalliet ir-Rikors għal provvediment li qed jingħata llum.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-kwistjoni odjerna nqalgħet wara li l-intimata Daniela Falzon ippreżentat il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 54/2018 (il-Mandat) sabiex tikkawtela l-jeddijiet li hija tippretendi li għandha fuq il-komunjoni tal-akkwisti, u dan in segwitu għall-bidu ta’ proċeduri għas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Ir-rikorrent Kurt Falzon ipproċeda b’din il-proċedura *ai termini* tal-artikolu 836(1)(c),(d) u (f) tal-Kap. 12, wara li ħassu aggravat bil-ħruġ tal-Mandat fil-konfront tiegħu, billi jallega li dan il-mandat hu att vessatorju u intimidatorju, u li l-intimata ma kellhiex għalfejn tirrikorri għal talba għall-ħruġ ta’ mandat bħal dan, stante li għandha biżżejjed assi tal-komunjoni fil-pussess tagħha bħala garanzija sabiex il-jeddijiet pretiżi minnha fuq il-komunjoni tal-akkwisti jiġu ssalvagwardjati. Jidher li l-proċeduri ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet huma kontenzjużi għall-aħħar, xi ħaġa li qiegħda twassal biex

il-partijiet jirrikorru għal diversi proċeduri legali fi sforz sabiex l-edba parti ma tagħmel xi att li bih tiskapriċċja lill-parti l-oħra. Ir-rikorrent jallega li l-intimata ħadet magħha mal-erbgħin elf Euro (€40,000) fi flus kontanti proprjetà tal-komunjoni, kif ukoll diversi proprjetajiet parafernali oħra, u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa tal-Mandat *stante* li l-pożizzjoni tagħha hi kkawtelata suffiċjentement. Fit-talbiet tiegħu r-rikorrent jitlob li jiġu ppreżentati *statements* bankarji u rendikont tal-investimenti li l-intimata għandha f'isimha u f'isem iż-żewġ partijiet, li juru xi tranżazzjonijiet saru fis-sena 2017, kif ukoll talab ir-revoka tal-Mandat *ai termini* tal-artikolu 836(1)(ċ),(d) u (f), flimkien ma' dikjarazzjoni li l-aġir tal-intimata huwa malizzjuż, frivolu u vessatorju *ai termini* tal-artikolu 836(8) u talab li l-Qorti tiffissa żmien qasir u perentorju li fih l-intimata għandha tagħti garanzija għall-ħlas tal-penali, danni u mgħax ikkontemplati fl-istess artikolu tal-Kap. 12.

L-intimata min-naħa tagħha tgħid li ma tissussisti l-ebda waħda mir-raġunijiet ikkontemplati fl-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 sabiex jintlaqa' r-rikors odjern, u dan għaliex ir-rikorrent għamel biss allegazzjonijiet fiergħa, malizzjużi u inveritiera li fuqhom isejjes it-talbiet kontenuti fir-rikors tiegħu. L-intimata tallega li hi tkeċċiet mid-dar matrimonjali flimkien ma' bintha minuri, u li r-rikorrent ma taha l-ebda aċċess la għall-affarijiet personali tagħha bħal ħwejjeġ, u lanqas għal oġġetti oħrajn ta' valur bħalma hu d-deheb li għadu fid-dar matrimonjali, u kwindi fil-pussess tar-rikorrent. Il-partijiet mhumiex jaqblu la fuq il-konsistenza u lanqas fuq il-valur tal-assi tal-komunjoni. Min-naħa tagħha l-intimata tgħid li l-komunjoni la għadha ġiet xolta u lanqas ġiet diviża bejn il-partijiet, filwaqt li ħafna mill-assi tal-komunjoni għadhom fil-pussess tar-rikorrent. L-intimata tallega li r-rikorrent għandu *bipolar disorder* li

minħabba fiha għal tul ta' żmien kienet hi li tieħu ħsieb tfaddal flus li hu jaqla' u dan bil-ħsieb li hu ma jisparpaljax dawn il-flejjes. Dawn il-flus li hi faddlet jinsabu ddepożitati f'kont bankarju flimkien ma' flejjes parafernali tagħha, u għalhekk hu diffiċli li jiġi stabbilit *a priori* kemm mill-flus iddepożitati f'isem l-intimata huma proprjetà parafernali tagħha, u kemm minnhom huma tal-komunjoni. L-intimata tiċħad li hemm xi tip ta' garanzija xierqa sabiex jiġi assigurat li l-flejjes tal-komunjoni tal-akkwisti ma jiġux sparpaljati, u tgħid li lanqas mhuwa l-każ li l-ammont li qiegħda tittenta tikkawtela bil-Mandat huwa wieħed eċċessiv. Madanakollu hu fl-interess tagħha li tassigura li sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti jkun ippreservat.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Il-Qorti semgħet lill-partijiet jixhdu, kif ukoll ħadet inkonsiderazzjoni d-dokumenti li ġew esebiti fl-atti ta' din ir-Rikors, minn fejn jirriżulta li huwa minnu li filwaqt li l-intimata m'għandhiex aċċess għad-dar matrimonjali, hi għandha fil-pussess tagħha flus likwidi li jammontaw għal aktar minn tletin elf Euro, liema flejjes hemm qbil bejn il-partijiet li għandhom jintużaw minnha għall-għajxien tagħha u ta' bint il-partijiet f'każ li jkun hemm il-ħtieġa. Ir-rikorrent jargumenta li l-fatt li l-intimata għandha dawn il-flejjes f'idejha, hi prova ċara li l-pretensjonijiet li hi għandha fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti huma kawtelati, u li dan ifisser ukoll li l-Mandat sar b'mod fieragħ u vessatorju.

L-intimata esebiet kopja tal-i*statements* bankarji li ntalbet tesebixxi mir-rikorrent f'waħda mit-talbiet tiegħu, kif ukoll ippreżentat kopja ta' skrittura

privata li kienet ġiet redatta bejn il-partijiet qabel iż-żwieġ li kienet tirregola xi ħlasijiet għandhom isiru f'każ li ż-żwieġ bejn il-partijiet jisfaxxa, u dan minħabba li jirriżulta li filwaqt li d-dar matrimonjali hija proprjetà parafernali tar-rikorrent, l-intimata għamlet diversi spejjeż biex inxtrat l-għamara u biex saru xogħlijiet fid-dar, bħalma hu l-kisi bil-*gypsum* u x-xiri ta' diversi oġġetti għall-arredament tad-dar. L-intimata xehdet li hi m'għandha l-ebda aċċess la għall-oġġetti miżmuma fid-dar u lanqas għall-kontijiet bankarji miżmuma mir-rikorrent f'ismu. Ir-rikorrent min-naħa tiegħu argumenta li l-jeddijiet pretiżi mill-intimata huma suffiċjentement ikkawtelati, u li t-talbiet tagħha u l-valuri attribwiti minnha għal diversi oġġetti huma esaġerati, *stante* li hi qiegħda titlob li jiġi likwidat favur tagħha nofs il-prezz tal-oġġetti meta kienu nxtraw, li ma jirriflettux il-valur ta' dawn il-proprjetajiet illum il-ġurnata, *stante* li wħud mill-oġġetti tilfu sew mill-valur oriġinali tagħhom peress li ilhom jintużaw għal għadd ta' snin. Ir-rikorrent jallega li fil-prospett tagħha l-intimata inkludiet dehbijiet li kienet tatha ommha, liema deheb hu proprjetà parafernali tagħha, u għaldaqstant ma kellux jiġi kkunsidrat bħala kreditu tal-intimata fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti. L-intimata sostniet li madanakollu dawn l-oġġetti huma kollha fil-pussess tar-rikorrent, u li fid-dawl tal-mod kontenzjuż li bih qegħdin jitmexxew il-proċeduri tas-separazzjoni, fejn l-intimata saħansitra kellha tagħmel rikors sabiex tingħata l-ħwejjeġ personali tagħha, hi għandha l-biżgħa li dawn l-oġġetti jinbiegħu jew jiġu ttrasferiti, b'mod li meta l-proċeduri tas-separazzjoni jiġu konklużi, u ssir id-diviżjoni tal-assi, hi ma ssibx assi li tkun tista' ddur fuqhom biex titħallas.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti tqis li minkejja li ntqalu diversi affarijiet mill-partijiet u mid-difensuri tagħhom, anki dwar ir-raġunijiet li setgħu kkontribwew biex il-partijiet illum qegħdin jisseparaw minn xulxin, fil-verità dawk il-kwistjonijiet m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-vertenza odjerna, u ċjoè jekk il-Mandat li sar mill-intimata kienx ġustifikat fiċ-ċirkostanzi sabiex jikkawtela l-jeddijiet li l-intimata tippretendi li għandha fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li jkun xieraq li tislet minn dak li diġà qalet f'imkejjen oħra, senjatament fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet **DOM Communications Ltd *vs.* Office Group Ltd**[1], fejn ġie stabbilit illi:

> "... fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri vs Gové et**, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem:
>
> "mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."

F'deċiżjoni oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Gaetano Abdilla et *vs.* Charles Bianco et**[2], il-Qorti stabbiliet illi:

> "L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti

[1] P.A., 28.04.2015.
[2] P.A., 20.01.2016.

> mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide **Vincent Mercieca *vs.* George Galea,** 29 ta' Novembru, 2011, u **Technobroadcast srl *vs.* Mediterrenean Broadcasting Limited,** tal-5 ta' Ġunju, 2007)."

Ir-rikorrent jibbaża t-talbiet tiegħu fuq tlieta mis-subartikoli li jaqgħu taħt l-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari s-subartikolu (ċ) tiegħu, li jispeċifka li rikors bħal dan jista' jitressaq meta:

> "jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju, sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qprti tassigura biżżejjed il-pretensjoni."

Illi mill-provi mressqa quddiemha u minn dak li semgħet lill-partijiet jixhdu, jirriżulta li l-intimata għandha fil-pussess tagħha ftit aktar minn tletin elf Euro, li l-partijiet kienu qablu li hi għandha tuża f'każ li jkun hemm il-ħtieġa tagħhom, għall-għajxien tagħha u ta' bintha. Min-naħa tiegħu r-rikorrent għandu fil-pussess tiegħu, mhux biss l-aċċess għad-dar matrimonjali u għall-garaxx, li huma proprjetà parafernali tiegħu, iżda wkoll aċċess esklussiv għal dak kollu li baqa' fid-dar matrimonjali, inklużi oġġetti personali tal-intimata, deheb, għamara li nxtrat mill-intimata, u tagħmir fiss bħalma hu l-*gypsum,* li wkoll tħallas mill-intimata, kif jidher mill-irċevuti li ġew esebiti. Mad-daqqa t'għajn jidher li l-intimata nefqet ferm aktar minn tletin elf Euro sabiex arredat id-dar u xtrat oġġetti oħra li baqgħu fil-pussess tar-rikorrent, u jidher ukoll li r-rikorrent għandu fil-pussess tiegħu b'kemm jiswew ferm aktar minn tletin elf

Euro f'assi. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li minn dak li qalu l-partijiet, parti minn dawn it-tletin elf Euro huma flus tal-komunjoni tal-akkwisti billi kienu tfaddlu mill-intimata minn flus li kien jgħaddilha r-rikorrent fiż-żwieġ, filwaqt li parti oħra minn dawn il-flus l-intimata tallega li huma proprjetà parafernali tagħha.

Peress li l-intimata m'għandha l-ebda kontroll fuq l-oġġetti li mhumiex fil-pussess tagħha, hija għandha l-biżgħa li meta ssir il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti, ħafna mill-oġġetti u l-assi kompriżi l-komunjoni jkunu laħqu ġew ittrasferiti jew sparpaljati mir-rikorrent, u għalhekk ma jkunx hemm biżżejjed assi biex hi tkun tista' tieħu sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Kien f'dan is-sens li hi fittxet li tissalvagwardja l-jeddijiet pretiżi minnha fuq il-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti kkunsidrat li ma jirriżultax ippruvat, almenu f'dan l-istadju, li l-intimata għandha xi garanzija xierqa oħra li minnha tkun tista' tissodisfa l-pretensjonijiet tagħha ladarba ssir il-qasma tal-beni kompriżi fil-komunjoni tal-akkwisti. Minn dan isegwi li l-intimata kienet qiegħda taġixxi fil-parametri ta' dak permess lilha mil-liġi meta ressqet it-talba għall-mandat ta' sekwestru, u dan stante li ma jirriżultax li hi għandha xi garanzija adegwata oħra li fuqha tkun tista' tesegwixxi l-jedd tagħha ladarba ssir il-qasma.

Ir-rikorrent jallega wkoll li l-ammont ikkawtelat mill-intimata jirriżulta li mhux *prima facie* ġustifikat jew li hu eċċessiv, abbażi tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Casino-For-Me Limited *vs.* Chartwell Games (Malta) Limited**[3] ingħad:

> "bid-dispożizzjoni tal-artikolu 836(1)(d) dak li għandu jiġi eżaminat huwa jekk mad-daqqa t'għajn ir-rikorrenti eżekutant għandux bażi ta' pretensjoni *(fumus*

[3] P.A., 05.09.2008.

> *juris).* Persuna għandha dritt li tikkawtela l-interessi tagħha u dan sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantiv tiġi eppurata u deċiża fil-kawża proprja bejn il-partijiet."

Għall-Qorti jidher ċar illi dak li qiegħda ssostni l-intimata jinkwadra ruħu fl-ambitu tal-jeddijiet pretiżi minnha fl-istadju meta l-proċeduri ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet għadhom pendenti u għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar il-komunjoni tal-akkwisti u l-mod kif ser tiġi diviża. Huwa ċar li l-intimata għandha bażi ta' pretensjoni fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti, u li hi għandha kull dritt li tikkawtela l-interessi tagħha fir-rigward tal-assi tal-komunjoni permezz tal-Mandat kif intavolat minnha. Wieħed mill-modi li bih hija setgħet tikkawtela dan l-interess, hu proprju billi tintavola mandat ta' sekwestru, sabiex b'hekk tassigura li l-assi kompriżi fil-komunjoni jiġu ppreservati almenu sal-ammonti stabbiliti fil-Mandat, sabiex hi tkun assigurata li ladarba tiġi diviża l-komunjoni, l-assi jkunu għadhom ippreservati u ma jkunux ġew sparpaljati. Il-Qorti tqis li jkun prematur għaliha li tistabbilixxi li l-ammont milqut mill-mandat ta' sekwestru jista' b'xi mod jitqies li hu 'eċċessiv', u dan stante li għadhom ma nstemgħux il-provi fil-mertu dwar fiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti u min għandu jedd għal xiex fir-rigward tal-beni akkwistati matul iż-żwieġ.

Ir-rikorrent isejjes it-talbiet tiegħu fuq is-subartikolu 836(1)(f), li jistabbilixxi li rikors bħal dak imressaq minnu jintlaqa' -

> "jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."

Din il-Qorti tqis li għar-raġunijiet spjegati aktar 'il fuq, ikun xieraq fiċ-ċirkostanzi li sakemm ikun hemm eżitu finali għall-proċeduri tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, l-effetti tal-mandat ta' sekwestru jibqgħu fis-seħħ kif inhuma, u dan sabiex il-jeddijiet tal-intimata fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti jiġu ssalvagwardjati.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi r-Rikors billi tiċħad it-talbiet kif dedotti għar-raġunijiet spjegati.**

**L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrent.**

Moqrija.